



**REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2389**

**tad-29 ta' Settembru 2023**

**li jiddetermina li l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament skont il-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit hija ekwivalenti għall-informazzjoni spċifikata f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2011/16/UE jipprevedi li wara talba motivata minn Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u ġuriżdizzjoni mhux tal-Unjoni, skont ftiehim bejn dawk l-awtoritajiet u dik il-ġuriżdizzjoni, hijex ekwivalenti għal dik spċifikata fit-Taqsima III, il-paragrafu B, tal-Anness V ta' dik id-Direttiva. Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 (²) jistabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (2) Fis-16 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mill-awtorità kompetenti tal-Finlandja biex tiddetermina jekk l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi skambjata awtomatikament skont ftiehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u r-Renju Unit għandhiex rabta mal-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE u jekk hijex ekwivalenti għall-informazzjoni meħtieġa skont ir-regoli ta' rapportar stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (3) Għall-finijiet tad-determinazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Finlandja ssottomettiet l-abbozzi tar-regolamenti tar-Renju Unit kif stabbilit fil-Platform Operators (Due Diligence and Reporting Requirements) Regulations 2022 (Ir-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliżenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) ("l-abbozzi tar-regolamenti") (³), li se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024 u l-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz ta' pjattaformi diġitali (⁴) ("DPI-MCAA"), li għandu jiġi konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit.
- (4) L-abbozzi tar-regolamenti japplikaw id-dispożizzjoni jiet tad-dokument tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-İżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2020 "Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy" (⁵), issupplimentat mid-dokument tal-OECD tal-2021 "Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for sale of goods" (⁶). Kwalunkwe espressjoni definita fir-Regoli Mudell iżda mhux definita fl-abbozzi ta' regolamenti għandha l-istess tifsira fl-abbozzi ta' regolamenti bħal fir-Regoli Mudell.

(¹) ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 tat-13 ta' April 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjoni jiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE fir-rigward tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-informazzjoni fi ftiehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u ġuriżdizzjoni mhux tal-Unjoni (ĠU L 103, 18.4.2023, p. 1).

(³) The Platform Operators (Due Diligence and Reporting Requirements) Regulations 2022 [https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment\\_data/file/1111803/Draft\\_The\\_Platform\\_Operators\\_Regulations\\_2022.pdf](https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/1111803/Draft_The_Platform_Operators_Regulations_2022.pdf)

(⁴) Id-DPI-MCAA huwa disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-reporting-rules-for-digital-platforms-international-exchange-framework-and-optional-module-for-sale-of-goods.pdf>

(⁵) OECD (2020), Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy, OECD, Paris. Disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-rules-for-reporting-by-platform-operators-with-respect-to-sellers-in-the-sharing-and-gig-economy.pdf>

(⁶) OECD (2021), Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for Sale of Goods, OECD, Paris. Disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-reporting-rules-for-digital-platforms-international-exchange-framework-and-optional-module-for-sale-of-goods.pdf>

- (5) Id-DPI-MCAA huwa qafas legali internazzjonali żviluppat mill-OECD biex jappoġġa l-iskambju awtomatiku annwali tal-informazzjoni miġbura skont ir-Regoli Mudell tal-OECD mill-ġuriżdizzjoni tar-residenza tal-operatur tal-pjattaforma mal-ġurisdizzjonijiet ta' residenza tal-bejjiegħa u, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu l-kiri ta' proprietà immobblji, il-ġuriżdizzjonijiet li fihom tinsab tali proprietà immobblji, kif determinat abbażi tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta.
- (6) Ir-Renju Unit u l-Finlandja huma t-tnejn firmatarji tad-DPI-MCAA, madankollu l-konklużjoni tal-ftehim teħtieġ l-attivazzjoni tar-relazzjoni ta' skambju bejn iż-żewġ partijet f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward l-operatur tal-pjattaforma ta' rapportar stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont il-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz tal-pjattaformi diġitali (DPI-MCAA) li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I, is-subparagrafi A(1) sa A(4) tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward il-bejjiegħa rapportabbi stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I, is-subparagrafi B(1) sa B(4), C(1) u C(2) tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet tal-attività rilevanti stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I, is-subparagrafi A(8), A(10), A(11) u C(9) tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti għall-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE u għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(7) tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (11) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fit-Taqsima III, is-subparagrafi A(1), A(2), A(5), A(6) u A(7) u l-paragrafu B tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE, u għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(8), tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (12) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-regoli u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliġenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandhom jiġu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit, biex jiżguraw l-implementazzjoni effettiva tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' rapportar kif ukoll il-konformità magħhom, huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima IV, il-paragrafi A sa D tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (13) Għalhekk, l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi skambjata awtomatikament bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit skont id-DPI-MCAA jenħtieġ li titqies li hija ekwivalenti għal dik speċifikata fit-Taqsima III, il-paragrafu B, tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE. F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/823, din id-determinazzjoni tal-ekwivalenza tapplika għall-istess ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor u r-Renju Unit.

- (14) Madankollu, din id-determinazzjoni tal-ekwivalenza jenħtieġ li tapplika biss dment li l-abbozzi tar-regolamenti jiġu kollha kemm huma adottati mir-Renju Unit u li d-DPI-MCAA jiġi konkluż permezz tal-attivazzjoni tar-relazzjoni ta' skambju bejn il-Finlandja u r-Renju Unit f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.
- (15) Kif previst fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2011/16/UE, jenħtieġ li l-iskambju kollu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-ġuriżdizzjonijiet mhux tal-Unjoni skont id-DPI-MCAA jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (7).
- (16) Ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (8).
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-kooperazzjoni amministrattiva għat-tassazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### **Determinazzjoni tal-ekwivalenza**

L-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi skambjata awtomatikament skont l-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Diliżenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) u skont id-DPI-MCAA li għandu jiġi konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit huma ekwivalenti, skont it-tifsira tas-subparagrafu A(7) tat-Taqsima I tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE, għal dik speċifikata fit-Taqsima III, il-paragrafu B, tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.

Id-determinazzjoni tal-ekwivalenza hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaformi (Rekwiżiti ta' Diliżenza Dovuta u Rapportar) fil-verżjoni tat-test kif jidher fl-abbozzi tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Operaturi tal-Pjattaforma (Diliżenza Dovuta u Rekwiżiti ta' Rapportar) ivvalutati mill-Kummissjoni;
- (ii) il-konklużjoni tad-DPI-MCAA bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja u tar-Renju Unit permezz tal-attivazzjoni tar-relazzjoni ta' skambju f'konformità mat-Taqsima 7 ta' dak il-ftehim.

## Artikolu 2

### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

(7) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiż-żejj firrigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(8) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiż-żejj firrigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).